

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2022/C 484/12)



Wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Portugall

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħroġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-żewġ euro, iżda n-naħa nazzjonali tagħhom fiha disinn kommemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż emittenti: Il-Portugall

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-mitt anniversarju tal-qsim tal-Oċean Atlantiku tan-Nofsinhar bl-ajru, li sar fl-1922 minn Gago Coutinho u Sacadura Cabral

Id-deskrizzjoni tad-disinn: Dan il-qsim inkiseb bl-użu ta' mezzi interni ta' navigazzjoni biss: sextant modifikat u korrettur tar-rota. Id-disinn juri x-xbiha ta' wieħed mit-tliet Fairey IIIs b'żewġt iġwienah li ntużaw biex issir it-titjira bejn Lisbona u Rio de Janeiro. L-iskriżzjoni fit-tarf taqra "TRAVESSIA DO ATLÂNTICO SUL" (bil-Malta - IL-QSIM TAL-OĊEAN ATLANTIKU TAN-NOFSINHAR). Taħt l-ajurplan, l-iskriżzjoni "PORTUGAL 1922-2022". Il-Marka taz-Zekka hija "CASA DA MOEDA", l-isem Portugiż taz-Zekka.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 1 000 000

Id-data tal-ħruġ: F'Marzu 2022

⁽¹⁾ Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1, għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiki u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).